MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Numru 674/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

v

**ANTON VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON VASSALLO** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Carmelo u Rosemarie nee Pullcino, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1978 u joqghod 'St. Joseph House', Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 495978M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fil-hamsa w ghoxrin ta’ Gunju 2003, bejn nofs il-lejl w s-sitta neqsin kwart ta’ filghodu, f’B’Kara, kkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ John Azzopardi minn B’Kara;

2. Talli fil-hamsa w ghoxrin ta’ Gunju 2003, u fil-granet ta’ wara din d-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn l-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru ABJ 259 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578;

3. Talli fl-istess perjodu ta’zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru ta’ registrazzjoni ABJ 259 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin izda hi izjed minn ghaxar liri maltin u cioe fl-imsemmi mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578;

5. Talli fil-hamsa w ghoxrin ta’ Gunju 2003, u fil-jiem ta’ wara din d-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578, b’numru ABJ 259 li jappartjeni lil vettura ohra, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

6. Talli fil-hmistax ta' Lulju 2003, bejn il-hamsa w t-tmienja w nofs ta' filghodu fil-Kalkara, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Christian Mizzi mill-Kalkara;

7. Talli fil-hmistax ta' Lulju 2003, u fil-granet ta' wara din d-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn l-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru FAB 263 fuq mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259;

8. Talli fl-istess perjodu ta' zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru ta' registrazzjoni FAB 263 fuq mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259;

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin izda hi izjed minn ghaxar liri maltin u cioe fl-imsemmi mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 ghad-dannu ta' Christian Mizzi mill-Kalkara;

10. Talli fil-hmistax ta' Lulju 2003, u fil-granet ta' wara din d-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn l-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259, b'numru FAB 263, li jappartjeni lil vettura ohra, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

11. Talli fis-sittax ta’ Lulju 2003, ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ filghaxija, fin-Naxxar, ikkommetta serq ta’ mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ David Bonett minn San Gwann;

12. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin izda hi izjed minn ghaxar liri maltin u cioe fl-imsemmi mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534, ghad-dannu ta’ David Bonett minn San Gwann;

13. Talli fis-sittax ta’ Lulju 2003, u fil-jiem ta’ wara din d-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn l-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

14. Talli fl-ewwel ta’ Lulju 2003, bejn l-ghaxra ta’ filghaxija u nofs il-lejl, fil-Kalkara, ikkommetta serq ta’ mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta’ registrazzjoni P - 7531, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Joseph Borda mill-Kalkara;

15. Talli fl-ewwel ta’ Lulju 2003, u fil-jiem ta’ wara din d-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn l-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru FAI 578 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta’ registrazzjoni P - 7531;

16. Talli fl-istess perjodu ta’ zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru ta’ registrazzjoni FAI 578 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta’ registrazzjoni originali P-7531;

17. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin izda hi izjed minn ghaxar liri maltin u cioe fl-imsemmi mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta’ registrazzjoni P-7531, ghad-dannu ta’ Joseph Borda mill-Kalkara;

18. Talli fl-ewwel ta’ Lulju 2003, u fil-jiem ta’ wara din d-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn l-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta’ registrazzjoni P-7531, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

19. Talli f’xi hin fil-granet ta’ bejn s-sebgha w t-tmienja ta’ Settembru 1997 f’Bugibba, ikkommetta serq ta’ pjanca tan-numri ta’ registrazzjoni bin-numru FAB 263 minn fuq mutur tal-ghamla Yamaha V80, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ John Spiteri minn G’Mangia;

20. Talli fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra u l-hdax ta’ Frar 2003, ikkommetta serq ta’ stereo CD receiver tal-marka Kenwood, bin-numru serjali KEO 851 PO700547 u sett speakers tal-marka Kenwood, flimkien ma curkett tad-deheb minn go vetura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni CHR 057, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Doctor Christopher Muscat minn Haz Zebbug;

21. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hames mitt lira maltin izda hi izjed minn hamsin lira maltin u cioe fl-imsemmija vettura tal-marka Peugeot bn-numru ta' registrazzjoni CHR 057 ghad-dannu ta' Doctor Christopher Muscat minn Haz Zebbug;

22. Talli f'dawn l-ahhar xhur, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta diversi serqiet ta' stereos tal-marka Proline bin-numru serjali mhux maghruf u wkoll ta' stereo tal-marka Roadstar bin-numru serjali F704974A, kif wkoll ta' Multiband Receiver tal-marka Yupiteru bin-numru serjali 80800472 minn diversi vetturi tal-ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghruf ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

23. Talli f'dawn l-ahhar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

24. Talli f'dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-Gzejjer, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lil Pulizija b'dak l-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf;

25. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9;

26. Talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar t-tmintax ta' Dicembru 2001, f'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kondizzjoni li ma jaghamilx reat iehor fi zmien tlett snin;

27. Talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu opeattiv ta'diversi sentenzi sospizi datati tmintax ta' Dicembru 2001 u l-erbatax ta' Lulju 2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat il-process verbal esibit a fol 187 et seq tal-atti redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat [fol 298 e seq].

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn ta' Novembru 2005 [fol 300] li ma kellux oggezjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan wara li nghata zmien xieraq biex jwiegeb.

Semghet lil partiiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 **xehed l-Ispettur Stephen Mallia** [fol 30] fejn qal li nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2003 waqt ronda li kien qed jaghmel vicin Triq Felice, Haz Zabbar, ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija, f'area li ghadha fi stat ta' kostruzzjoni, nnota mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 ipparkjat f'wiehed mill-garaxxijiet li kien bla bieb u dan il-mutur deher li kien mizbugh frisk ghalkemm ma kienx ghadu jcappas u kellu kulur ahdar. Innota wkoll xi tracci ta' zebgha originali li setghet kienet hamra.

Meta ccekkja dan il-mutur mal-Kwartieri Generali, gie nfurmat li n-numru tal-pjanci ABJ 259 kienu fil-fatt numri neqsin u kienu jappartjenu lil mutur Enduro TTR li kien gie misruq fil-hmistax ta' Lulju 2003 mill-Kalkara, liema mutur

misruq kien jappartjeni lil Christian Micallef mill-Kalkara. Minn aktar stharrig mar-records tal-pulizija dwar n-numru tac-chassis tal-imsemmi mutur irrizulta li dan il-mutur kien gie rappurtat misruq minn B’Kara nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Gunju 2003 u suppost li kellu numru ta’ registrazzjoni FAI 578 u li kien jappartjeni lil John Azzopardi minn B’Kara. Fil-fatt dan il-mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578 kellu suppost kulur ahmar u mhux ahdar. Qal li waqt li kien fuq il-post semgha hoss ta’ mutur b’magna b’sahhitha fil-vicin u peress li kien konxju li fil-vicinanzi kien joqghod l-imputat maghruf bhala t-‘Toose’, li huwa maghruf li kien involut f’kazijiet precedenti konnessi ma vetturi, avvicina l-post u nnota lil imputat niezel minn fuq mutur tal-ghamla Honda 750 ta’lewn griz u f’idejh kellu crash helmet. Qal li dan il-mutur, l-imputat hallih ipparkjat f’nofs ta’ triq b’tali mod li kien qed jostakola t-triq minn naha ghal ohra quddiem il-garaxx tar-residenza tal-genituri tieghu, gholla s-shutter tal-garaxx u dahhal l-imsemmi mutur fil-garaxx.

Ix-xhud kompla jghid li dak il-hin, hu ma setghax jara n-numru ta’ registrazzjoni ta’dan il-mutur ghaliex kien boghod certa distanza u minhabba l-fatt li l-imputat nizzel is-shuter warajh u baqa gewwa. Qal li hu sejjah ghal assistenza u fuq il-post marru PC 835 Grech u PC 390 Ellul, habbat diversi drabi fuq il-bieb kemm tal-garaxx kif wkoll tar-residenza bin-numru 107 u 109, Triq Felice Haz Zabbar w ghalkemm identifika ruhu bhala ufficjal tal-pulizija ghal diversi drabi, ma fetah hadd.
Qal li hu ttenta jgholli s-shutter tal-garaxx u peress li ma kienx imsakkar, infetah u ghalhekk dahal gewwa. Qal li hemm gew innota l-mutur tal-ghamla Honda 750 li semma qabel, mal-art kien hemm zewg crash helmets u n-numru ta’ registrazzjoni li kien ghadu mwahhal fuq il-mutur tal-ghamla Honda 750 kien IAH 534. Qal li meta ccekkja dan n-numru mal-Kwartieri Generali, irrizultalu li fil-fatt dan l-mutur kien gie rappurtat misruq minn go showroom fin-Naxxar fis-sittax ta’ Lulju 2003, liema mutur kien isejjah lil David Bonett minn San Gwann.

L-Ispettur Stephen Mallia kompla jghid li kumbinazzjoni dak l-hin gie missier l-imputat, certu Carmelo Vassallo ma

zewgt ihbieb tieghu u meta staqsih jekk kienx jaf b'dan il-mutur, dan wiegbu li qatt ma kien rah qabel. Qal li wara ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat fil-presenza ta' missier l-imputat, pero dan m'instabx u ghalhekk gie mahsub li dan setgha harab. Qal li waqt din t-tfittxija, fil-bitha ta' wara, gie nutat bir u kien hemm speci ta' qafla mdendla ghal gol bir, ghalkemm il-bir kien mghotti b'xi bicciet tal-imjam. Qal li kif kixef l-bir, li kien mimli b'ilma jinten, tella din il-bicca qafla u fil-wicc tfaccaw zewg basktijiet tal-plastic tqal mhux hazin u fil-fatt wiehed minnhom, ghalkemm inqata, irnexxilu jirkuprah, li meta nfetah kien hemm fih xi stereos u cioe Kenwood CD receiver bis-serial number KE0851POOO547, multi band receiver tal-marka Upetro mudell MVT7100 bis-serial number 80800472, radio casette player tal-marka Proline bis-serial number li ma kienx jidher u casette player iehor tal-marka Roadstar mudell PL615 bis-serial number F704974A li gew fotografi mill-esperti tal-Qorti fil-presenza ta' missier l-imputat.

Kompla jghid li minn aktar stharrig rrizulta li l-mutur tal-ghamla Honda 750 li kien gie misruq minn Naxxar, kien gie misruq t'tali mod li min mar, kien mar fis-showroom, kien mar darbtejn, kien mar filghodu ghand sid s-showroom certu Twanny Zammit fejn talbu biex jixtri l-mutur tal-ghamla Honda 750 bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534 u mar hemmhekk b'mutur iehor tal-ghamla Yamaha Enduro TTR bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259. Irrizulta li Twanny Zammit kien qal lil min kien mar, li hu ma kienx sid l-mutur ghalkemm kien ghandu biex jinbiegh, u talbu sabiex jerga imur aktar tard halli jilhaq jinforma lil sidu, u cioe lil David Boneet biex jaghmel l-arrangamenti ghal bejgh tieghu. Qal li sa dak l-hin l-imputat ma kienx ghadu maghruf.

Kompla jghid li dan r-ragel, aktar tard mar n-Naxar bl-istess mutur tal-ghamla Yamaha Enduro TTR, li aktar tard rrizulta li kien misruq mill-Kalkara, fejn hemm David Bonett, u cioe s-sid proprju tal-imsemmi mutur flimkien ma Twanny Zammit. Qal li waqt li kien qed ikellerm lil dan r-ragel, li aktar tard irrizulta li kien l-imputat, dan deher interessat li jixtri l-mutur tal-ghamla Honda 750 bin-numru

ta' registrazzjoni IAH 734, rikeb fuqu u bla ma qal xejn lil hadd, bla kliem u bla sliem, u telaq bih u halla warajh l-mutur tal-ghamla Yamaha Enduro TTR ipparkjat quddiem s-showroom. Kompla jghid li dawk hasbu li kien mar jippruvah pero meta ghadda certu zmien u dan ma giex lura bih, ghamlu rapport l-ghassa, wara li ghamlu tfittxija fl-inhawi peress li dan kellu xi hsarat fil-clutch.

Kompla jghid li meta David Bonett u Twanny Zammit gew murija xi ritratti mill-pulizija, dawn gharfu lil imputat bhala l-persuna li kien seraq il-mutur minn taht ghajnejhom u dan minn tpingijiet li kellu fuq idejh. Irrizulta wkoll li l-mutur tal-ghamla Yamaha Enduro TTR kien gie mehud l-ghassa n-Naxxar fejn gie stabbilit li kellu numru ta' registrazzjoni ABJ 259 li kien gie misruq mill-Kalkara nhar s-sittax ta' Lulju 2003.

Minn aktar stharrig fuq l-istereo misjub fil-bir, irrizulta li dan kien gie misruq minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CHR 056 proprjeta ta' Doctor Christopher Muscat li jahdem fil-klinika St. James fi Pjazza San Gakbu, Haz Zabbar. Meta dan gie mitkellem mill-pulizija dan stqarr li minbarra l-istereo, li kkonferma li kien tieghu, kien sab nieqes wkoll curkett tad-deheb u tlett speakers tal-marka Kenwood mill-vettura tieghu. Meta gie mistoqsi ghaliex ma kienx ghamel rapport qabel, dan wiegeb li qatt ma basar li setgha jinstab.

Kompla jghid li kien irrizultalu wkoll li fis-sittax ta' Lulju 2003, l-pulizija tad-distrett kienu rcivew informazzjoni li fi Triq Guseppi Micallef, Haz Zabbar, kien hemm mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta' registrazzjoni falz FAI 578 mitluq hemmhekk. Zied jghid li meta l-pulizija marret fuq il-post instab mutur bin-numru originali FAI 578 li hu kien sab in-numru tieghu imwahhal fuq l-mutur Yamaha li kien sab fi Triq Felice, li kien gie rappurtat misruq fl-ewwel ta' Lulju 2003 li kien jappartjeni lil Joseph Borda mill-Kalkara.

Qal li fit-tnejn ta' Awissu 2003 l-imputat gie arrestat u nhar t-tnax ta' Awissu 2003 l-imputat kien ammetta mieghu verbalment li kien seraq il-mutur tal-ghamla Honda 750

bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534 u l-mutur tal-ghamla Yamaha Enduro TTR bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ 259 mill-Kalkara.

Kien qallu wkoll li dakinhar li marru jaghmlu tfittixja fir-residenza ta’ missieru hu kien stahba f’parti qisha gwardarobba u sema’ dak kollu li kien qed jinghad. Zied jghid pero, li meta hadlu l-istqarrija l-imputat kien innega dan kollu.

Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnax ta’ Awissu 2003 li giet mmarkata bhala dokument SM [fol 40 et seq], fejn fuqha gharaf kemm il-firma ta’ PC 18 Christian Mifsud, li kien presenti waqt t-tehid taghha, kif wkoll tieghu, fejn l-imputat kien irrifjuta li jirrispondi ghad-domandi u fil-fatt ghazel li ma jiffirmahiex. Esibixxa wkoll formalment tlett muturi u cioe dak tal-ghamla Honda 750 PFR bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534, iehor tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578, u iehor tal-marka Yamaha Enduro TTR bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ 259 li gew mmarkati rispettivement bhala dokumenti SM 1, SM 2 u SM 3, l-istereos u cioe Kenwood CD receiver bis-serial number KE0851POOO547, li gie mmarkat bhala dokument SM 4, multi band receiver tal-marka Upetro mudell MVT7100 bis-serial number 80800472, li gie mmarkat bhala dokument SM 5, radio casette player tal-marka Proline bis-serial number li ma kienx jidher, li gie mmarkat bhala dokument SM 6, u casette player iehor tal-marka Roadstar mudell PL615 bis-serial number F704974A li gie mmarkat bhala dokument SM 7. Esibixxa wkoll zewg crash helmets li gew mmarkati bhala dokument SM 8 u erbgha sentenzi moghtija fil-kofnront tal-imputat odjern li gew mmarkati minn dokument SM 9 sa SM 12 [fol 45 et seq].

Illi nhar s-sittax ta’ Awissu 2004 **rega’ xehed l-Ispettur Stephen Mallia** [fol 226] fejn qal li l-vettura P-7351 huwa mutur u li skond l-investigazzjoni tieghu rrizulta li hu proprjeta ta’ Joseph Borda u li kien insteraq nhar l-ewwel ta’ Lulju 2003 mill-Kalkara. Qal wkoll li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 263 hu wkoll mutur tal-ghamla

Yamaha V-80 pero r-registration numbers in kwistjoni kienu gew rappurtati misruqa fil-lejl ta’ bejn s-sitta w is-sebgha ta’ Settembru 1997 minn Bugibba u misjuba mwahhla fuq l-mutur tal-ghamla Hinduro numru ta’ registrazzjoni ABJ 259 li jappartjeni lil Christian Mizzi.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Awissu 2003 **xehed l-Ex Spettur David Saliba** [fol 65] fejn ikkonferma l-identita tal-imputat presenti fl-awla bhala l-istess persuna imsemmija fis-sentenza datat wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2002 esibita a fol 9 tal-atti markata bhala dokument SM 9 u fis-sentenza datat tmintax ta’ Dicembru 2001 esibita a fol 46 tal-atti markata bhala dokument SM 10, u dan ghaliex fiz-zewg kazijiet hu kien l-Ufficjal Prosekutur w Investigatur.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **rega’ xehed l-Ex Spettur David Saliba** [fol 128] u esibixxa kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-erbatax ta’ Lulju 2003 mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat presenti fl-awla huwa l-istess imputat imsemmi f’din s-sentenza fejn hu kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur. Din is-sentenza giet mmarkata bhala dokument ST [fol 130].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Awissu 2003 **xehed Christian Mizzi** [fol 67] fejn qal li f’Lulju 2003 hu kien ghamel rapport lil pulizija li kien insteraqlu l-mutur tieghu tal-ghamla Yamaha 250 TTR bin-numru ta’ registrazzjonni ABJ 259 minn quddiem d-dar tieghu 27, Triq Melchior De Robe, Kalkara. Qal li dan kien xtrah second hand xi sentejn jew tlieta qabel ghal prezz ta’ elef u sebgha mitt lira maltin. Qal li sussegwentement hu kien gie mitlub imur d-Depot ghal identifikazzjoni tal-mutur tieghu u kien gharfu bhala li kien tieghu. Qal li dan il-mutur kellu xi hsarat apparti xi hsarat fil-lock u xi brix u kellu l-carrier ta’ wara nieqes.
Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Awissu 2003 **xehed David Bonett** [fol 69] fejn qal li fis-sittax ta’Lulju 2003, kien mar ragel, li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla, biex jara mutur. Qal li hu startjah waqt li kien fuq il-bankina barra, qal lil imputat biex ma jsuqux peress li ma kellux

insurance u licenzja peress li kien ilha tlett snin li ghalqet u peress li kellu l-gear tieghu ftit difettuz.

Qal li waqt li kienu qed jitkellmu, l-imputat tela’ fuq dan il-mutur li kien tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534, telaq bih u ma rahx izjed. Qal li dan il-mutur kellu valur ta’ elfejn u hames mitt lira. Qal li xi erbat ijiem wara kien mar d-Depot fejn gharaf il-mutur li kien hemm, bhala l-istess wiehed li kien insteraqlu mill-imputat. Qal li sab li kellu s-silencer tieghu imtaqqab, xi fering imkisser u xi brix, liema hsarat jeccedu l-hamsin lira maltin. Mistosqi jekk kellux xi ftehim mal-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u fil-fatt kien hu stess li startjah, mhux l-imputat. Qal li jista jkun li l-imputat qal xi kliem li ma fehmux pero qallu li kien lest li jixtrih. Qal li meta l-imputat staqsih jekk setghax jippruvah, hu qallu li ma setghax minnhabba l-kwistjoni tal-insurance, l-licenzja skaduta u d-difett fil-gear. Qal li hu dak l-hin kien qed jara loghba.

Illi nhar s-sittax ta’ Awissu 2004 **rega’ xehed David Bonett** [fol 235] fejn b’referenza gax-xhieda li ta quddiem il-perit tekniku nhar l-ghoxrin ta’ Lulju 2003 [fol 89], l-persuna li kien semma hu dak inhar kienet Oswald Attard li minghandha kien xtara l-mutur u mhux Albert kif hemm miktub.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Awissu 2003 **xehed Anthony Zammit** [fol 71] fejn qal li hu ghandu showroom tal-karozzi fin-Naxxar u li David Bonett hu habib tieghu u jhallih fis-showroom biex ibieghlu xi vetturi. Qal li darba minnhom, kien qieghed fis-showroom jistenna klijent imur b’pagament u mar ragel riekeb mutur ta’ kulur abjad, tela fuq il-bankina u staqsih jekk setghax jara l-mutur li kellu fis-showroom. Qal li hu fetahlu u dahhlu jarah. Qallu li ried elfejn u hames mitt lira tieghu u dan staqsih jekk kienx lest li jpartu mal-mutur li kellu u hu rrispondih li ma setghax ghaliex dak l-mutur ma kienx tieghu. Zied jghid li dan r-ragel staqsih jekk sid dak l-mutur kienx lest li jpartu mal-mutur abjad li kien gie bih u hu qallu li sidu flus ried mhux ipartat. Qal li hu qal lil dan r-ragel biex jerga jghaddi aktar tard u b’kumbinazzjoni sid l-mutur, David Bonett ghal habta tal-erbgha w kwart mar hdejh u qallu li kien

mar ragel li kien interessat fil-mutur. Zied jghid li ftit tal-hin wara kien rega' mar dak r-ragel li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla, laqqghu ma David Bonett u ried jistartjah u peress li l-batterija tieghu kienet waqghet, tah l-leads minn fuq karozza ohra u hargu fuq il-bankina. Qal li David Bonett qal lil imputat li kien bla insurance u bla licenzja u li zejt fil-clutch kien nieqes w ghalhekk ma setghax jintuza.

Qal li f'daqqa wahda l-imputat libes il-crash helmet li kellu, qallu li l-clutch kien jahdem, tah il-first u telaq bih. Qal li qaghdu jistennewh jigi lura, ghall-ewwel hasbu li kien spicca f'xi ghalqa, pero meta ma rritornax lura bil-mutur, marru jghamlu rapport l-ghassa. Qal li qabel ma marru l-ghassa hu dahhal l-mutur li l-imputat kien mar bih, fis-showroom. Qal li meta marru l-ghassa sabu l-mutur hemmhekk pero n-number plate li l-imputat kien halla fis-showroom tieghu, kien misruq. Qal li hu ma riedx il-mutur fis-showroom w ghalhekk tellghu l-ghassa.

Qal li wara xi zmien kien gie mitlub imur d-Depot biex jiddentifika l-mutur ta' David Bonett u meta mar sab li l-mutur kien ta' David Bonett pero kellu hsarat li ma kienux fuqu meta kien ghadu fis-showroom. Qal li fl-ebda hin ma taw permess lil imputat isuq jew jipprova l-mutur, lanqas ghal dawra zghira. Qal li l-mutur in kwistjoni mhux tieghu izda ta' David Bonett u fil-fatt kien David Bonett li ddealja mal-imputat.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 **xehed Brian Farrugia** [fol 74] fejn qal li minn recierka li ghamel bhala ufficjal fl-ufficju tal-licenzji, fuq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAI 578, irrizultalu li dan kien isejjah lil John Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita numru 342465M, u kien ilu jghajjat lilu mill-hmistax ta' Gunju 1995. Dwar mutur tal-ghamla Yamaha TTR 250 ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259, irrizultalu li dan kien isejjah lil Christian Mizzi detentur tal-karta tal-identita numru 189580M u kien ilu registrat fuqu mit-tlettax ta' Lulju 2001.

Dwar l-mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534, irrizultalu li dan kien isejjah lil

Joseph Sammut detentur tal-karta tal-identita numru 730748M u kien ilu registrat fuqu mit-tnax ta’ Novembru 1997. Dwar mutur tal-ghamla Yamaha ta’ kulur blue bin-numru ta’ registrazzjoni FAP 263, irrizultalu li dan kien isejjah lil Johan Spiteri detentur tal-karta tal-identita numru 84737M u kien ilu registrat fuqu mit-tnejn ta’ Lulju 1988. Dwar mutur tal-ghamla Yamaha 175 ta’ kulur iswed bin-numru ta’ registrazzjoni P-7531, irrizultalu li dan kien isejjah lil Joseph Mizzi li joqghod 2, Triq Santa Maria, Hamrun u kien ilu registrat fuqu mit-tnax ta’ Gunju 1980.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed Joseph Zammit** [fol 82] fejn esibixxa u halef r-relazzjoni tieghu dwar sejbien ta’ mutur tal-marka Honda FVR 750 ta’ kulur blue, li giet mmarkata bhala dokument JZ [fol 84].

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed John Azzopardi** [fol 132] fejn qal li li hu kellu mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578, li kien hallih ipparkjat wara l-bieb tad-dar tieghu f’B’Kara nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2003 u l-ghada filghodu ma sabux. Qal li dan kien xtrah xi sbatax il-sena qabel pero l-prezz kemm xtrah ma ftakarx. Qal li sussegwentement kien mitlub imur d-Depot biex jiddentifika mutur hemmhekk. Huwa fil-fatt ikkonferma li dak l-mutur kien tieghu ghalkemm meta rah kellu diversi oggetti neqsin u kellu l-kulur tieghu originali mibdul ghal ahdar u kien bla pjanci.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed John Spiteri** [fol 134] fejn qal li hu xi zmien ilu kien mar biex idahhal l-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 263 gol-garaxx u sab li kien minghajr pjanci w ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa ta’ Bugibba.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed PC 18 Christian Mifsud** [fol 136] fejn, wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat wara li nghata s-solita twissija, li tinsab esibita a fol 40 et seq tal-atti markata bhala dokument SM, ikkonferma fuqha kemm il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Stephen Mallia filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex.

Illi nhar d-disgha ta’ Frar 2004 **xehed PS 508 Francis Bezzina** [fol 153] u esibixxa l-okkorrenza datata hamsa w ghoxrin ta’ Gunu 2003 dwar rapport li kien ghamel Joseph Azzopardi fis-sitta w ghaxra ta’ filghodu tal-istess jum fejn irrapporta li kienu serqulu l-mutur tieghu tal-ghamla Yamaha bin-numru ta’ registrazzjoni AAI 578 ta’ kulur ahmar minn quddiem r-residenza tieghu fi Triq Borg, B’Kara. Din l-okkorrenza giet immarkata bhala dokument Z [fol 155].

Illi nhar d-disgha ta’ Frar 2004 **xehed Joseph Borda** [fol 159] fejn qal li nhar t-tletin ta’ Gunju 2003, hu kien irritorna lura d-dar tard u hareg l-mutur sabiex idahhal l-karozza u halla l-mutur barra. Qal li l-ghada filghodu meta hareg minn daru m’indunax li l-mutur tieghu ma kienx ghadu hemmhekk w induna ghal habta tal-ghaxra ta’ filghodu w ghamel rapport f’dan is-sens. Qal li l-mutur in kwistjoni kien tal-ghamla Yamaha 175 ta’ kulur iswed u n-numru tar-registrazzjoni l-antik kien P-7531. Qal li wara kien gie nfurmat mill-ghassa ta’ Haz Zabbar li l-mutur kien instab mizbugh isfar u kellu xi hsarat zghar. Kellu xi wires wkoll maqtughin. Kompla jixhed li kien hu stess li sewwa din l-hsara.

Illi nhar d-disgha ta’ Frar 2004 **xehed l-allura Supretendent Angelo Baldacchino** [fol 161] fejn wara li ra s-sentenza esibita bhala dokument SM a fol 54 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar l-ewwel ta’ Frar 2000 mill-Magistrat Dottor Noel Cuschieri fil-konfront tal-imputat odjern ikkonferma li l-imputat presenti fl-awla huwa l-istess imputat imsemmi f’din s-sentenza fejn hu kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur.

Illi nhar l-erbatax ta’ April 2004 **xehed PS 1136 Jesmond Micallef** [fol 170] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument SOCO [fol 172], liema relazzjoni tikkoncerna ezamijiet li saru fuq mutur tat-tip Honda bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534 f’garaxx f’numru 107, Triq Felice Haz Zabbar.
Illi nhar l-erbatax ta’ April 2004 **xehed PS 835 Charles Grech** [fol 178] fejn qal li hu kien gie mitlub jassisti lil Ispettur Stephen Mallia u meta mar fi Triq Felice, Haz

Zabbar, hemm sab lil imsemmi spettur faccata ta' dar li kellha garaxx li kien mifuh u fuq wara tal-garaxx kien hemm mutur tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534 li kien pparkjat wiccu l' barra. Qal li l-ispettur beda jghajjat lil certu Anton Vassallo sabiex johrog mid-dar biswit, u dan ghaliex fil-fehma tieghu, l-mutur in kwistjoni kien misruq, pero l-imputat ma harigx sakemm damu hemmhekk huma. Qal li wara ftit mar missier Anton Vasasllo u fil-presenza tieghu saret tfittxija fid-dar tieghu pero l-imputat ma nstabx. Qal li fittxu fil-bitha u hemm innutaw li kien hemm wire imdebdel ghal go bir u meta gibdu l-wire tela' basket mimli stereos ta' vetturi.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed PS 964 Robert Scicluna** [fol 202] w ikkonferma r-relazzjoni tieghu esbita a fol 196 tal-atti.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed PS 1330 Alexander Schembri** [fol 203] w esibixxa l-okkorrenza relatata ma rapport datat sittax ta' Lulju 2003 dwar sejba ta' mutur ta' kulur isfar bin-numru ta' registrazzjoni FAI 578 abbandunat fi Triq Guseppe Micallef, Haz Zabbar, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument SP [fol 205].

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed PS 76 Charles Cassar** [fol 207] w esibixxa l-okkorrenza relatata ma rapport datat hmistax ta' Lulju 2003, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument SP 1 [fol 208]. Esibixxa wkoll okkorrenza ohra relatata ma rapport datat l-ewwel ta' Lulju 2003 minn Joseph Borda dwar s-sejba ta' mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta' registrazzjoni P – 7531. Din l-okkorrenza giet immarkata bhala dokument SP 2 [fol 211].

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed PS 586 Joseph Brincat** [fol 214] w esibixxa l-okkorrenza relatata ma rapport li sar minn David Bonett datat sittax ta' Lulju 2003 dwar s-sejba ta' mutur tal-ghamla Honda 750 bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument SP 3 [fol 216]. Ix-xhud

kompla jghid li l-imputat odjern kien mar ghand dealer bil-mutur, halla l-mutur hemmhekk, kien hemm t-top up card li esibixxa wkoll u li gie mmarat bhala dokument CS [fol 220], u telaq bil-mutur l-iehor li qal lid-dealer li kien bi hsiebu jixtri.

Illi nhar s-sittax ta’ Awissu 2004 **xehed PC 390 Joseph Ellul** [fol 231] fejn qal li hu kien assista lil Ispettur Stephen Mallia waqt investigazzjni f’residenza fi Triq Felice Haz Zabbar li hi proprjeta tal-imputat odjern. Qal li waqt tfittxija fil-garaxx ta’ din r-residenza instab mutur tal-ghamla Honda 750 bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534. Qal li minn stharrig ulterjuri rrizulta li dan il-mutur kien misruq. Qal li minn bir li kien fil-bitha tal-istess residenza, kienu tellghu zewg boroz suwed li fihom kien hemm numru ta’ stereos ta’ karozzi u portable VHR radio.

Illi nhar s-sittax ta’ Awissu 2004 **xehed Christopher Darmanin** [fol 233] ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji. Qal li hu gie mitlub jaghmel ricerka fuq vettura tal-ghamla Peugoet 106 ta’ kulur metallic blue bin-numru ta’ registrazzjoni CHR 057. Qal li din hi registrata f’isem Mario Decelis u ilha hekk registrata mit-tmienja w ghoxrin ta’ Ottubru 2003. Qal li l-vettura tal-ghamla Peugoet 106 ta’ kulur metallic blue bin-numru ta’ registrazzjoni CHR 057 qabel l-owner presenti Mario Decelis kien hemm Doctor Christopher Muscat.

Illi nhar s-sittax ta’ Awissu 2004 **xehed PC 159 Charles Degiorgio** [fol 236] w esibixxa l-okkorrenza relatata ma rapport li sar minn Christopher Muscat datat hdax ta’ Frar 2003 dwar s-serq ta’ stereo tal-marka Kenwood li jiswa erbgha mija u hames liri, curkett tat-tieg li kien ta’ valur sentimentali, zewg Kenwood speakers ghal valur ta’ tmenin lira u xi hsarat fuq l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot ta’ kulur blue, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument ST [fol 238].

Illi nhar il-hamsa ta’ Ottubru 2004 **xehed Doctor Christopher Muscat** [fol 245] fejn qal li bejn l-ghaxra u l-hdax ta’ Frar 2000 wara li kien xoghol l-isptar St. James, Haz Zabbar, hareg u sab il-karozza tieghu tal-ghamla

Peugoet 106 bin-numru ta’ registrazzjoni CHR 057 sgassata u minnha sab nieqes stereo u speakers kif wkoll curkett. Qal li l-valur tal-istereo kien ta’ hames mitt lira u kien tal-marka Kenwood MP 3. Qal li kellu wkoll hsara fil-bieba fl-ammont ta’ erbgha mija u hamsin lira maltin.

Illi nhar il-hamsa ta’ Ottubru 2004 **xehed Aaron Galea Cavalazza** [fol 247] ghan-nom w in rappresentanza tas-socjeta Vodafone. Qal li hu gie mitlub jaghmel ricerka dwar mobile phone number 99285840 u mir-recerka li huwa ghamel rrizulta li dan hu mobile phone e-talk registrat f’isem Anton Vassallo li joghod ‘St. Joseph’, Triq Felice, Haz Zabbar u esibixxa d-dokument DF [fol 248] f’dan r-rigward.

Illi nhar id-dsatax ta’ Jannar 2005 **xehed PC 956 Andrew Caruana** [fol 258] u esibixxa zewg faxxikoli li huma tal-palmi tal-imputat u dawk tal-impronti digitali ta’ subajh li ttiehdu seduta stante. Dawn gew immarkati bhala dokumenti AC u AC 1 rispettivament [fol 260 et seq].

Illi nhar it-tletin ta’ Awissu 2005 **xehdet il-Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante** [fol 290] u esibit r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument JSF. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li sar ezami komparattiv bejn d-dokumenti 03 BUQ 301, li hu lifter li tigbor fiha marki tal-pala tal-id, d-dokument AC 1 u AC 2 [formola tal-impronti digitali u formola tal-pala tal-id tal-imputat] li taw rizultat negattiv.

Illi nhar s-sitta ta’ Frar 2006 **xehdet Claudine Azzopardi** [fol 305] fejn qalet li hija Psikologa. Qalet li kien ilha ssegwi lil imputat li gharfet presenti fl-awla, ghal dawn l-ahhar sentejn. Qalet li l-imputat kien ibati minn problema ta’ personalita, kellu *distinct personality* u kien *anti social* w ghalhekk ma kienx f’posizzjoni li jahseb fuq konsegwenzi ta’ ghemilu. Kien persuna impulsiva, irrisponsabbli u ma kienx jemmen fir-regoli u ma kienx kapaci jiddistingwixxi bejn t-tajjeb u l-hazin.

Minn ezami li ghamlet dan l-ahhar fuq l-imputat, irrizultalha li l-problemi li kellu fil-personalita tieghu,

m'ghadhomx jezistu.  Qalet li ghal dawn l-ahhar sentejn u xahrejn, l-imputat kellu kuntatt maghha kull gimgha w ikkopera maghha u ftit kien hemm sezzjonijiet li m'attendix.  Qalet li xogholha kien jikkonsisti f'corrective feedback.

Ziedet tghid li waqt li kien qed jizviluppa l-personalita tieghu meta kien ghadu guvni, kien influwenzat minn nuqqas ta' regoli w abbuz fil-familja.  Qalet li l-process ta' terapija l-imputat segwih bis-serjeta.  Qalet li meta kien fil-komunita bhala resident, kien jkollu kuntatt kull gimgha u wara kellu ghazla jekk ikomplix jew jitlaq, l-imputat kien ghazel li jkompli ghaddej bit-terapija.  Mistoqsija jekk fiz-zmien tal-ezami taghha, l-imputat kellux problemi fis-sens li jaghraf li oggett ma kienx tieghu, ix-xhud wiegbet li kien kapaci jaghraf dan pero minhabba l-influwenza tal-personalita tieghu ma kienx jifhem l-gravita tal-konsegwenzi.

Qalet li llum il-gurnata, ghalkemm jista jkollu tentazzjoni li jekk ikun hemm karozza hu jkun iridha, issa hu kapaci jifhem dak li jkun qed jaghmel.  Qalet li l-imputat dahal fil-komunita Santa Marija, fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003 u hi bdiet tarah fid-disgha ta' Jannar 2004.  Ziedet tghid li llum il-gurnata l-imputat m'ghadx ghandu dawk il-problemi fil-personalita tieghu u miexi sabiex jistabilixxi ruhu ahjar fis-socjeta.

Illi nhar s-sitta ta' Frar 2006, **xehdet Josette Camilleri** [fol 308] ghan-nom w in rappresentanza tal-Agenzija Sedqa. Qalet li l-imputat dahal f'din l-agenzija fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003 meta kellu problemi t'abbuz ta' droga u kellu bzonn programm.  Qalet li l-programm kien ghamlu kollu u spicca anke r-re-entry u huma kienu ssuggerewlu li jzomm kuntatt maghhom.  Qalet li hu zamm dan il-kuntatt u baqa jkollu sezzjonjonijiet mal-Psikologa sa llum u ghadu jattendi xi granet, ghaliex ma baqax jghix fid-dar. Qalet li l-fazi residenzjali spiccaha fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2005 u baqa jattendi r-re-entry sa xahar ilu.  Qalet li l-imputat kien ghazel li jorqod fil-komunita darba fil-gimgha u kuntatt kien ghad kellu mal-komunita Santa Marija.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat b'serq ta' mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAI 578 tal-ghamla Yamaha 80 ghad-dannu ta' John Azzopardi u ta' mutur bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 ghad-detriment ta' Christian Mizzi u talli saq l-istess zewg muturi meta ma kienx kopert b'licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vetturi u meta ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni.

Issa, mix-xhieda tal-Ispettur Stephen Mallia, liema xhieda ma gietx kontradetta, jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 f'wiehed mill-garaxxijiet fejn dahal hu aktar tard dakinhar stess bil-mutur. Skond r-records mizmuma fl-ufficju tal-licenzji kellu n-numru ta' registrazzjoni FAI 578 u kien gie misruq f'Gunju 2003. Dak l-hin l-mutur kellu zebgha gdid ta' kulur ahdar. L-Ispettur qal wkoll li verbalment l-imputat kien ammetta mieghu li kien seraq dan il-mutur li kellu n-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 tal-ghamla Yamaha Enduro.

Skond ix-xhieda ta' Brian Farrugia, il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAI 578 jghajjat lil John Azzopardi filwaqt li dak bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 kien jghajjat lil Christian Mizzi.

John Azzopardi xehed u qal li huwa identifika l-mutur Yamaha 80 fid-Depot tal-Pulizija bhala proprjeta tieghu u cioe bhala l-mutur li kien insteraqlu nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2003 minn wara l-bieb tieghu f'B'Kara, izda kellu kulur mibdul ghal ahhar u kien bla pjanci.

Christian Mizzi wkoll ikkonferma li f'Lulju 2003, huwa kellu l-mutur tieghu bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 misruq minn quddiem d-dar tieghu fil-Kalkara u dan gharfu d-Depot tal-Pulizija meta gie mitlub jiddentifikah, ghalkemm kellu xi hsarat fuqu.

David Bonett xehed li ra lil imputat isuq mutur tal-ghamla Yamaha Enduro TTR bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259

u li dan kien halla l-mutur ghandhom u li effettivament kien hadu l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar ghaliex ma riedtx izommu fis-showroom ta’ Twanny Zammit. Fl-istess hin l-imputat li huwa gharaf fl-awla, seraqlu mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 534 billi telaq isuq bih minkejja li dan David Bonett qallu li ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjoni u minkejja li qallu li kellu xi hsarat mekkanici.

Illi rrizulta mill-provi li l-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ 259 proprjeta ta’ Christian Mizzi insteraq nhar l-hmistax ta’ Lulju 2003 skond l-okkorrenza mehuda minn PS 76 Charles Cassar esibita fl-atti a fol 208, filwaqt li l-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni FAI 578 proprjeta ta’ John Azzopardi, insteraq nhar s-sittax ta’ Lulju 2003 skond l-okkorrenza mehuda minn PS 1330 Alexander Schembri w esibita a fol 205 tal-atti.

Issa, a bazi ta’ dak li gie rilevat fis-sentenzi moghtija nhar l-***erbgha w ghoxrin ta’ Marzu 1977 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lawrence Camilleri**, il-pussess tal-haga misruqa fi zmien recenti huwa wiehed mill-indizji biex juri li l-possessur hu l-halliel fin-nuqqas ta' spjegazzjoni li turi xort'ohra. La darba l-Prosekuzzjoni prima facie ggustifikat l-imputazzjoni u bil-prova tal-pussess – huwa obbligu tal-imputat li jaghti spjegazzjoni [vide wkoll **Il-Pulizija v Antonio Pace** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Frar 1954***]

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1953*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Polly Grech,** dwar t-teorija ta’ pussess fi zmien ricenti gie citata il-**Harris and Wilshire’s *Criminal Law*** fejn intqal li:

*"The possession of recently stolen property is safe evidence that the possessor is either the thief or guilty receiver and if he fails to give any satisfactory explanation of his possession, the jury may convict him of stealing or receiving, according to circumstances."*

Aktar ricenti fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seusun et**, dik il-Qorti qalet li:

*"It-teorija* [theory of unlawful possession of recently stolen goods] *ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ppruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, jistghu wahedhom jwasslu ragjonevolment ghal konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja ta' reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew skond c-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti."*

Dik il-Qorti ikkwotat mill-awtur Ingliz **Archbold** u qalet li:

*"If someone is found in possession of goods <u>soon after</u> they have been missed, and he <u>fails</u> to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in infering that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are opt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief [a] if he offers no explanation to account for his possession, or [b] if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.* [vide wkoll **Il-Pulizija v Carmelo Debono *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Novembru 1996*]**.

Issa skond s-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tancred Borg**:

*“Li wiehed jkollu suspett ta' xi rregolarita jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-*

*imputat w intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konkluzziva dwar dan l-element intenzjonali [vide wkoll* ***Il-Pulizija v George Tabone*** *deciza mill-****Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961*** *u* ***Il-Pulziija v Vincent Calleja*** *deciza wkoll mill-****Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Novembru 1978 .****]*

Issa fil-kaz in ezami, l-imputat agixxa b'manjiera suspettuza fir-rigward taz-zewg muturi Yamaha. Fil-konfront ta' dak ta' John Azzopardi bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 dan instab fil-garaxx li kien qed jaghmel uzu minnu l-imputat f'Haz Zabbar filwaqt li kien qed ibiddillu l-kulur minn ahmar ghal ahdar bis-shutter maghluq u meta l-pulizija bdiet tghajjatlu minn wara s-shutter dan irrifjuta li jirrispondi u fit-tieni lok instab f'cirkostanzi suspettuzi ghaliex kien imdawwar oggetti gejjin minn serq, filwaqt li fir-rigward l-mutur l-iehor ta' Christian Mizzi, ghalkemm kien qed isuqu hu, dan qabad u hallih ghand terza persuna u cioe ghand David Bonett b'*number plate* mhux tieghu u telaq lil hemm waqt li seraq il-mutur li kien fil-pussess ta' David Bonett.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti qed issibu hati ta' recettazzjoni ta' dawn iz-zewg muturi u mhux hati tal-akkuza ta' serq aggravat fil-konfront taghhom.

Fil-konfront ta' dawn l-stess zewg muturi, l-imputat gie akkuzat wkoll li xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci ta' registrazzjoni foloz bin-numru ta' ABJ 259 fuq l-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAI 578 u vice versa.

Dwar dawn l-akkuzi, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova salv li l-imputat kellu l-pussess tal-oggetti falsifikati pero bis-semplici pussess ma jfissirx li l-imputat xjentement ghamel l-falsifikazzjoni hu stess u ghalhekk dawn z-zewg akkuzi u cioe t-tieni w it-tielet akkuza, ma gewx ppruvati.

L-imputat gie wkoll akkuzat li ghamel hsara voluntarja fuq il-muturi fuq indikati bin-numru ta' registrazzjoni FAI 578 u ABJ 259 ghad-dannu ta' John Azzopardi u Christian Mizzi.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta bic-car mix-xhieda ta' l-istess John Azzopardi u Christian Mizzi, meta ddentifikaw l-mutur taghhom fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, dawn kellhom diversi hsarat li jeccedu l-ghaxar liri maltin.

L-imputat gie akkuzat li saq il-muturi bin-numru ta' registrazzjoni FAB 263 u ABJ 259 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.

Illi bir-rispett kollu din l-akkuza ma tirrizultax ppruvata ghaliex meta xehed r-rappresentant tal-Ufficja tal-Licenzji, Brian Farrugia nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 [fol 74], ma giex mistoqsi jekk l-imputat kellux licenzja tas-sewqan, w ghalhekk, fin-nuqqas ta' din il-prova, u n-nuqqas t'ammissjoni da parti tal-imputat, il-Qorti ma tistax issibu hati ta' din l-akkuza lanqas.
Il-Prosekuzzjoni akkuzat lil imputat wkoll li ghamel uzu minn dokument falsifikat. Ma hemmx dubbju li din l-akkuza tirrizulta ppruvata ghaliex l-imputat saq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAB 263 skond ma qal David Bonett u dan ma gie kontradetta minn hadd, bil-pjanca ta' registrazzjoni ABJ 259 w ghalhekk il-Qorti ssibu hati ta' din l-akkuza.

L-imputat gie akkuzat li seraq mutur Honda VFR 750 bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534 ghad-dannu ta' David Bonett. Din tirrizulta ppruvata ghaliex il-Prosekuzzjoni ressqet xhud li qal li gharaf lil imputat jisraq il-mutur minn taht idejh, minkejja li qallu li ma setghax isuqu. Pero dwar l-akkuza li l-imputat saq l-istess mutur bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534 tal-marka Honda VFR 750 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan jew li ma kienx kopert b'polza t'asskurazzjoni, dawn ma jirrizultawx ppruvati, lanqas remotament w ghalhekk il-Qorti ma ssibux hati taghhom.

L-imputat gie akkuzat li seraq il-mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru ta' registrazzjoni D-7531 li hu proprjeta ta' Joseph Borda. Joseph Borda xehed nhar d-disgha ta' Frar 2004 w ikkonferma li nhar t-tletin ta' Gunju 2003, huwa kien sab il-mutur tieghu nieqes minn wara l-bieb tar-residenza tieghu u kien gie nfurmat mill-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar li l-mutur kien instab mizbugh isfar minflok iswed kif kien, b'xi hsarat fuqu u dan skond l-okkorrenza esibita fl-atti a fol 211 markata bhala dokument SP 2. Illi dan l-mutur instab bil-pjanca ta' numru ta' registrazzjoni FAI 578 fuqu, liema pjanca kienet ta' mutur li kien gie rappurtat misruq minn B'Kara.

Illi din il-prova wahedha ma hiex sufficjenti sabiex il-Qorti tkun konvinta li kien l-imputat li seraq dan il-mutur w ikkagunalu hsarat fuqu u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati lanqas tal-akkuza ta' serq aggravat ta' dan il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni P-7531 u talli kkaguna l-imsemmija hsarat voluntarji fuqu jew li wahhal pjanci foloz fuqu u b'hekk lanqas li xjentement ghamel uzu minn dan l-istess mutur jew li saqu meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurta jew ta' sewqan minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Dwar l-akkuzi li huwa seraq diversi oggetti fosthom CD receiver tal-marka Kenwood bis-serial number KE0851POOO547, u xi oggetti ohra mill-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CHR 057 ghad-dannu ta' Doctor Christ Muscat, il-Qorti rat li s-serq tal-oggetti mill-vettura in kwistjoni sar bejn l-lejl tal-ghaxra w l-hdax ta' Frar 2003. Issa dawn l-oggetti jew ahjar uhud minnhom, instabu ghand l-imputat imdendla f'bir nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2003 u cioe hames xhur wara s-serqa.

Illi ghalhekk, il-Qorti ma tistax tapplika t-teorija ta' serq minhabba pussess ricenti u dan stante t-trapass w ghalhekk mhux ser ssibu hati tal-akkuza ta' serq aggravat, izda ser issibu hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni taghhom u dan ghaliex l-imputat kien xjenti dwar il-provenjenza llegittima taghhom ghaliex ma kienx izommhom imdendlin f'basket tal-plastic go bir, kieku ma kellux x'jahbi. Is-

sitwazzjoni ta’ fejn u kif instabu l-oggetti huwa indikattiv tax-xjenza li kellu l-imputat dwarhom.

L-akkuza ta’ hsara voluntarja fuq il-vettura ta’ Doctor Chris Muscat fil-konfront tal-imputat lanqas ma giet ppruvata.

Dwar l-akkuza l-ohra ta’serq ta’ stereo tal-marka Proline bin-numru serjali mhux maghruf u wkoll ta’ stereo tal-marka Roadstar bin-numru serjali F704974A, kif wkoll ta’ Multiband Receiver tal-marka Yupiteru bin-numru serjali 80800472 gad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa, il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni ppruvat dawn l-akkuzi ta’ serq aggaravat izda ppruvat wkoll r-reat ta’ ricettazzjoni ta’ dawn l-oggetti misjuba f’cirkostanzi misterjuzi ghand l-imputat.

Dwar l-akkuza ai termini tal-artikolu 334A introdotta bl-Att III tas-sena 2002, li giet resa operattiva permezz tal-Avviz Legali numru 96 tas-sena 2002 fl-ewwel ta’ Mejju 2002, u cioe li naqas li jgharraf lil pulizija dwar l-pussess tal-hwejjeg misruqa li kellu fi zmien gimgha minn meta sar jaf bihom, tirrizulta wkoll ippruvata b’mod sodisfacenti.

L-imputat gie akkuzat li huwa recidiv. Dwar dan ma hemmx dubbju ghaliex il-Prosekuzzjoni esibit diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat u cioe dawk markati bhala dokumenti SM 9 sa SM 12 u ressqet lil Ex Spettur David Saliba u lil Ex Supretendent Angelo Baldacchino jikkonferma l-identita tal-imputat f’dawn l-istess sentenzi w ghalhekk din l-akkuza tirrizulta ppruvata b’mod sodisfacenti.

L-imputat gie akkuzat talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, llum l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar t-tmintax ta’ Dicembru 2001 f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat w illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett snin.

Illi din is-sentenza tinsab esibita fl-atti a fol 46 w immarkata bhala dokument SM 10 fl-ismijiet **Il-Pulizija v**

**Anton Vassallo**. L-Ex Spettur David Saliba ikkonferma l-identita tal-imputat fil-konfront ta' din s-sentenza.

Illi peress li l-Qorti qed ssib lil imputat hati ta' diversi akkuzi permezz ta' din s-sentenza ta' reati li sehhew fix-xahar ta' Gunju 2003 u fix-xahar ta' qabel u dan waqt li kkommettihom fil-perjodu operattiv tal-probation order moghtija permezz tas-sentenza fuq citata [u cioe dik tat-tmintax ta' Dicembru 2001, liema probation order kienet tiskadi fit-tmintax ta' Dicembru 2004], il-Qorti qed issibu hati talli verament kiser din l-ordni tal-probation.

Finalment l-imputat gie akkuzat talli kkommetta diversi reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi datati tmintax ta' Dicembru 2001 u erbatax ta' Lulju 2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula. Ma hemmx dubbju li fis-sentenza tat-tmintax ta' Dicembru 2001, moghtija minn din l-istess Qorti [dokument SM 10 – fol 46] il-Qorti keinet klementi mieghu ghaliex kienet estendiet l-ordni originali moghtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ewwel gta' Frar 2000 fejn inghata piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tas-sub artikolu 1 tal-artikolu 28A ghal perjodu ta' erbgha snin minn dakinhar tat-tmintax ta' Dicembru 2001 w ghalhekk peress li din il-Qorti qed issib lil imputat hati ta' diversi reati li sehhew f'dan l-istess perjodu operattiv, il-Qorti qed issibu hati talli effettivament ghamel dawn r-reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija nhar t-tmintax ta' Dicembru 2001.

Dwar il-prigunerija ta' tlettax il-xahar sospizi ghal sentejn moghtija permezz ta' sentenza datata erbatax ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anton Vassallo**, il-Qorti rat l-istess sentenza esibita a fol 130 tal-atti markata bhala dokument ST u rat li din giet konfermata mill-Ex Spettur David Saliba nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 [fol 128] u rat li din il-Qorti qed issibu hati tal-akkuza ta' serq ta' mutur tal-ghamla Honda VFR 750 li sehh nhar s-sittax ta' Lulju 2003 u cioe <u>jumejn biss</u> wara li nghata din s-sentenza w ghalhekk tirrizulta wkoll.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 289, 188, 189, 325, 334, 334A, 49, 50, 28A sa 28H u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104, l-artikolu 21, 22, u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat ANTON VASSALLO hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni ta' zewg muturi bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 259 tal-ghamla Yamaha TTR Enduro ghad-dannu ta' Christian Mizzi, u FAI 578 tal-ghamla Yamaha ghad-dannu ta' John Azzopardi u ta' hsara voluntarja fuq dawn l-istess muturi, tal-akkuza li uza dokumenti foloz u cioe tal-pjanci ABJ 259 fuq il-vettura FAI 578, tal-akkuza ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga tal-mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta' registrazzjoni IAH 534 ghad-dannu ta' David Bonett, u ta' ricettazzjoni ta' diversi accessorji ohra ta' vettura ghad-dannu ta' Doctor Chris Muscat u xi persuni mhux maghrufa, talli naqas li jgharraf lil pulizija dwar il-pussess li kellu ta' hwejjeg misruqa, talli huwa recidiv u talli ghamel dawn l-istess reati fil-perjodu operattiv ta' probation order u ta' zewg sentenzi sospizi.**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja hafna, konsistenti fi ktieb b'diversi convictions fuq perjodu ta' ghaxar snin [fol 262 et seq].

Rat li l-imputat inghata diversi cansijiet izda dan nonostante ma tghallimx jisfrutta ruhu minnhom tant li rega' qieghed quddiem il-Qorti.

Huwa veru li jirrizulta li l-imputat irregistra xi progress fl-andament u komportament tieghu, pero il-Qorti ma tistax tinsa l-opportunitajiet kollha li nghataw lil imputat u d-diversi akkuzi li l-Qorti qed ssibu hati taghhom u l-fatt li hafna mill-vittmi ma gewx kumpensati.

Il-Qorti tawgura lil imputat talli temm b'success l-programm li huwa ghamel kontra l-abbuz mid-droga pero ma thossx li minhabba l-premess, l-imputat m'ghandux jintbaghat l-habs.

Ghalhekk fuq dawn l-akkuzi li l-Qorti sabet lil imputat hati, qed tikkundannah prigunerija ta’ tlett snin.

Oltre dan pero qed trendi operattivi z-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tmintax ta’ Dicembru 2001 fejn gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin u ohra moghtija nhar l-erbatax ta’ Lulju 2003 fejn gie kkundannat prigunerija ghal tlettax il-xahar sospizi ghal sentejn, t-tnejn fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anton Vassallo**, sabiex b’hekk l-imputat jkollu jaghmel perjodu addizzjonali ta’ prigunerija ta’ tlett snin u xahar.

Dwar l-akkuzi li l-imputat ghamel reat fil-perjodu meta kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tipprovdi billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 23(1)(a) tal-Kasp 446 tal-Ligijiet ta’ Malta hija sejra tittratta mal-hati hija stess peress li kienet din l-istess Qorti li kienet iddikjaratu hati tar-reat li dwarhom inghata probation.

Issa f’dik is-sentenza tat-tmintax ta’ Dicembru 2001, l-imputat kien instab hati ta’ diversi reati ta’ serq u talli huwa recidiv w ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi thoss li ghandha timponi piena ta’ prigunerija komplessiva ta’ sentejn ohra.

**B’kollox ghalhekk, l-imputat irid jaghmel tmien snin u xahar prigunerija.**

Il-Qorti ma tista taghti l-impressjoni lis-socjeta li mhux qed taghmel gustizzja maghha ghaliex dejjem tkun klementi mal-hati. F’dan il-kaz, il-Qorti trid tibghat messagg lis-socjeta li hija tat diversi cansijiet lil imputat u dan ma hadhomx w ghalhekk wasal z-zmien li tuza l-id severa taghha u taghmel verament il-haqq w il-gustizzja.

Dwar l-akkuzi l-ohra li ma sabitx lil imputat hati il-Qorti tiddikjara li qed tilliberah minnhom.
**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil hati jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati f’din il-kawza ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-**

**Qorti tilqa tali talba u tordna lil imputat jhallas s-somma ta’ tlieta w tmenin lira u sebghin centezmu [LM83.70] bhala spejjes inkorsi mill-espert Giuliana Scerri Ferrante [fol  292 et seq].**

**L-imputat ghandu jhallas dawn l-ispejjes fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti u fin-nuqqas, tali hlas jigi konvertit fi prigunerija addizzjonali bir-rata ta' jum ghal kull hames lira dovuta lir-Registratur tal-Qorti.**

**Ghal dan l-ghan, ghalhekk il-Qorti tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lil istess Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------